MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 194/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elton Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elton Abela talli nhar-il 14 ta' Settembru 2004 ghall-habta tas-6:00pm, f'dawn il-Gzejjer waqt li kien qed jaghmel uzu minn 'Route Bus' bin-numru tar-registrazzjoni FBY 729:

i) Naqas milli jieqaf fil-post indikat bhala 'Bus Stop';
ii) Saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv;
iii) Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

iv) Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
v) Bi traskuragni ikkaguna griehi involontarji ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Barbara Bull u Reihard Klaus Amende.

Il-Qorti giet mitluba tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li din il-Qorti ssib xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Elton Abela hati u kkundannatu ghal terminu ta' xahar detenzjoni;
Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Elton Abela pprezentat fil-11 ta' Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tannulla s-sentenza appellata u tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza, (2) alternattivament thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena, jew tvarja biss l-istess f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-28 ta' Jannar 2005 li permezz taghha cahdet l-ewwel u t-tieni aggravji ta' l-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din is-sentenza din il-Qorti se tittratta l-aggravji rimanenti ta' l-appellant. It-tielet u r-raba' aggravji fil-fatt jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie dejjem ritenut, hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li

waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].
Wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant hija li huwa saq b'manjera perikoluza.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

**"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it--tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi 1-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)".**

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

**"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".**

Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda moghtija minn Reinhard Amende u Barbara Bull quddiem l-ewwel Qorti u dik moghtija mill-appellant quddiem din il-Qorti (peress li ma kinitx traskritta). Fil-fehma ta' din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni impellenti ghala ssib li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment taccetta bhala attendibbli l-verzjoni li taw l-imsemmijin Amende u Bull dwar il-manjiera ta' sewqan ta' l-appellant. Difatti x-xiehda ta' l-appellant hija bazikament korroborazzjoni ta' dak li qalu dawn iz-zewg xhieda b'dan li huwa pprova kemm jista' jkun jimminimizza l-mod kif huwa rreagixxa ghall-insistenza ta' Amende u Bull li ma jinzlux mix-xarabank tieghu biex ikomplu l-vjagg fuq xarabank ohra. Ghalhekk hija tal-fehma li s-sewqan tieghu ghandu jitqies bhala li kien sewqan perikoluz li jassorbi fih ir-reati l-ohra addebitati lilu. L-uniku punt li dwaru din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti huwa fejn sabet lill-appellant hati li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq Reinhard Amende, u dan peress illi huwa stess fix-xiehda tieghu jghid li ma sofra l-ebda offiza.

Ghar-rigward l-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2]. Issa, l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal terminu ta' xahar detenzjoni. Din il-piena mhijiex wahda mill-pieni stabbiliti mil-ligi. Difatti skond l-artikolu 15(1)(a) il-piena hija dik tal-multa ta' mhux izjed minn mitt lira (Lm100) jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellant ghal detenzjoni. Fis-seduta tas-6 ta' April 2005 gie verbalizzat minn Dott. Stephen Tonna Lowell ghall-Avukat Generali u Dott. Roberto Montalto ghall-appellant li m'ghandhom l-ebda oggezzjoni li f'kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija ta' l-appellant tinghata sentenza ta' prigunerija ta' xahar sospiza ghal sentejn jekk

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

din il-Qorti jidhrilha xieraq. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti sejra tilqa' l-qbil raggunt bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament fis-sens illi qed tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni kif dedotta u minflok issibu hati talli bi traskuragni kkaguna griehi involontarji ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Barbara Bull, tikkonfermaha fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, b'dan li ghall-fini tal-piena, ir-reati komprizi fl-ewwel, fit-tieni, fir-raba' u fil-hames imputazzjonijiet qed jigu assorbiti fir-reat ta' sewqan b'manjiera perikoluza taht it-tielet imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghal xahar prigunerija b'dan li a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' sentejn millum, jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------